## 124. In-Nies u s-Sema

Sema tal-madriperla
sema abjad daqs iċ-ċpar,
u sħab bħal palm imferrex,
u sħab sura ta’ nwar:

U x-xemx flimkien maż-żiffa
tbiddel tas-sema l-ġmiel,
u kwadru wara kwadru
ta’ ħlewwa ta’ bla ħjiel.

Barqam, ħamiema, barqam
fil-ponta tal-kampnar;
għereq kemm trid u ntilef
fl-imħabba u fin-namrar:

’Il fuq żgur ħadd ma jħares,
innamra, tistħi xejn...
il-ġmiel tas-sema mlewwen
m’għadux jiġbed l-għajnejn.

In-nies iridu jafu
biss b’ikel u xalar,
u min go dan il-għama
ser jilmaħ il-kampnar?